MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 475/2011

**Chemimart Limited**

**Vs**

**Reckitt Benckiser Healthcare International Limited**

Il-kawza tittratta dwar ftehim ta' distribuzzjoni li kien gie ffirmat bejn l-attrici u l-awtrici tal-konvenuta fis-6 ta' Dicembru 1972. L-attrici qeghda titlob hlas ta' danni (fir-rigward tal-ewwel u tielet talbiet) u wkoll kumpens (fir-rigward tat-tieni talba). Dawn it-talbiet huma bbazati fuq:

1. Spejjez u xogholijiet li ghamlet minhabba weghdiet li tghid li l-konvenuta ghamlitilha li kienet ser tibqa' l-uniku distributur ghal Malta tal-prodotti Boots. F'dan il-kuntest l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li l-konvenuta hi responsabbli ghad-danni minhabba l-weghdiet li ghamlet li l-kumpannija attrici ser tibqa' l-uniku distributur ghal Malta tal-prodotti ta' Boots.

2. Li l-konvenuta ghandha tikkumpensa lill-attrici peress li qeghda tgawdi l-beneficcji u l-frott tax-xoghol kollu u l-ispejjez li ghamlet l-attrici matul iz-zmien biex ikkrejat suq ghall-prodotti u zdied il-volum tan-negozju.
3. Li l-konvenuta naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali, in kwantu fil-perjodu bejn l-2006 u Frar 2010 a) ripetutament naqset milli tipprovdi kwantita ta' prodotti ordnati skond il-forecast, u sahansitra kien hemm prodotti li ma kenitx qeghda tibghat, u tibghat prodott tard, u b) bdiet tibghat prodotti li kellhom data ta' skadenza ta' inqas minn sentejn.

Permezz tal-ewwel zewg eccezzjonijiet (12 ta' Awissu 2011), il-konvenuta eccepiet li :-

1. Din il-qorti m'ghandix gurisdizzjoni ghaliex il-ftehim li fuqu huma bazati t-talbiet jinkludu *jurisdiction clause* (klawzola numru 22) jew ftehim li bih il-partijiet ftehemu li kull vertenza li tista' tinqala' dwar il-ftehim ghandu jigi riferut lill-Qrati fl-Ingilterra. Dan il-ftehim jorbot lill-partijiet bis-sahha tal-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) numru 44/2001 tat-22 ta' Dicembru 2000.
2. Din il-qorti m'ghandix gurisdizzjoni peress li l-Artikolu 2 tar-Regolament 44/2001 jipprovdi li kawza kontra persuni domiciljati fi Stat Membru ghandhom jsiru fil-Qrati tal-Istat Membru li fih hu domiciljat il-konvenut. F'dan il-kaz il-kumpannija konvenuta hi domiciljata fl-Ingilterra u ghalhekk din il-qorti m'ghandix gurisdizzjoni sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza.

F'dan l-istadju ser tinghata sentenza preliminari dwar dawn l-eccezzjonijiet.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. Fis-6 ta' Dicembru 1972 l-attrici ffirmat ftehim ma' The Boots Company Limited li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar 1973 u li permezz tieghu l-partijiet ftehemu l-attrici giet appuntata bhala *"Sole Distributors in Malta (hereinafter called the Territory) of the goods described in Clause 3 hereof. The Distributors shall have the right to describe themselves as Sole Distributors within the Territory for Boots in respect of the goods described in Clause 3 but will not commit Boots in any way whatsoever except by Boots prior written authority....... 3. The goods the subject of this Agreement (hereinafter called the Goods) shall consist of such of Boots branded*

*pharmaceutical and toilet preparations for human use as Boots may from time to time desire to market in the Territory except that Boots reserve the right to refuse orders for any such goods which are or may be the subject of limited patent rights or which in Boots opinion are or amy be in other ways unsuitable for distribution by the Distributors in the Territory. 6. Boots shall sell to the Distributors or with their consent to other parties in the Territory at prices F.O.B. English Port and payment for each consignment shall be made by the consignee on open account within 75 days after the date of the Bill of Lading by direct mail transfer to Boots Drug Trading Account with.....".*

2. Fis-sena 2006 Reckitt Benckiser plc akkwistat il-kumpannija The Boots Company Limited. Il-kumpannija konvenuta hadet post il-kumpannija li originarjament ffirmat il-ftehim mal-attrici. Dwar dan m'hemmx kontestazzjoni.

3. Permezz ta' dikjarazzjoni datata 7 ta' Gunju 2006, Reckitt Benckiser Healthcare International Limited iddikjarat li kienet qeghda tinnomina lill-attrici sabiex tagixxi ghan-nom taghha fir-rigward ta' *'.... all registration issues, regulatory activities and other official procedures regarding the existing product portfolio and all future registration, regulatory and other official activities.'*.

4. Permezz ta' ittra datata 30 ta' Awissu 2008 il-konvenuta ifurmat lill-attrici li kienet qeghda tittermina l-ftehim u tatha pre-avviz ta' sitt xhur skond klawzola 1 tal-ftehim. B'hekk il-ftehim gie tterminat **fit-28 ta' Frar 2009**.

Fir-rigward tal-gurisdizzjoni l-Artikolu 23 tar-Regolament 44/2001[1] jipprovdi:-

*"1. If the parties, one or more of whom is domiciled in a Member State, have agreed that a court or the courts of a Member State are to have jurisdiction to settle any disputes which have arisen or which may arise in connection with a particular legal relationship,* ***that court or those courts shall have jurisdiction****.* ***Such jurisdiction shall be exclusive unless the parties have***

[1] On Jurisdiction and the Recognition and Enforcement of Judgments in Civil and Commercial Matters.

***agreed otherwise.** Such an agreement conferring jurisdiction shall be either:*
*(a) in writing or evidenced in writing;.......".*
Skond klawzola 22 tal-kuntratt:
***"This Agreement shall be in all respects interpreted in accordance with the laws of England and any dispute or difference shall be determined by the English courts."***.
Din il-qorti m'ghandix dubju li l-partijiet riedu li fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-ftehim, proceduri gudizzjarji kellhom isiru quddiem qrati Inglizi. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi attrici li l-gurisdizzjoni hi tal-qrati Inglizi biss fejn ikun hemm kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-ftehim. L-attrici ghamlet riferenza ghall-kuncetti ta' *ejusdem generis* u *contra proferentem*, li huma applikati wkoll fl-Ingilterra. Fil-fehma tal-qorti il-kliem *"any dispute or difference"* qeghdin jirreferu mhux ghall-interpretazzjoni tal-kuntratt, izda kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-ftehim. Il-qorti lanqas ma' taqbel li l-fatt li fil-klawzola ma ntuzatx il-kelma *"exclusive"*, allura jfisser li l-qrati Inglizi m'ghandhomx gurisdizzjoni fir-rigward tal-ilment li l-konvenuta kisret l-obbligi kuntrattwali. F'kull kaz hu ferm difficili li wiehed japplika t-tezi tal-attrici in kwantu fil-kors ta' kawza tista' tinqala' l-htiega li tigi nterpretata klawzola f'kuntratt. F'dak l-istadju x'ghandha taghmel il-qorti lokali, twaqqaf il-kawza u tibghat lill-partijiet quddiem qorti Ingliza sabiex jottjenu decizjoni dwar kif ghandha tigi nterpretata l-klawzola u wara tkompli bis-smiegh tal-kawza ? Minn qari tal-klawzola numru 22 il-qorti m'hijiex tal-fehma li din kienet l-intenzjoni tal-partijiet li ffirmaw il-ftehim tas-6 ta' Dicembru 1972, iktar u iktar meta tqies li l-attrici stess taccetta li The Boots Company Limited, kumpannija Ingliza, kienet l-awtur tal-kuntratt[2]. Hu fatt maghruf li dawn it-tip ta' kuntratti jigu mhejjija mid-ditta estera u fihom jiehdu hsieb li jikkawtelaw il-posizzjoni taghhom, u kuntratti simili jigu ffirmati ma' distributuri f'pajjizi ohra. Fil-kawza li qeghda tinstema' kontestwalment ma' din il-kawza[3], Reginald Fava stess ikkonferma meta xehed fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2012 qal li fir-rigward ta' dan il-kuntratt:-

[2] Ara paragrafu 17 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

[3] 476/2011AE.

*"Jiena b'sens ta' hbiberija, qbadt u ghamilt kif qaluli. Ma qadtx nivverifika jekk dan it-tieni kuntratt kienx identiku jew simili ma' l-ewwel kuntratt li ffirmat Chemimport ma' Boots."*.

Il-qorti m'hijiex tal-fehma li bil-klawzola numru 22 l-intenzjoni ta' Boots Company Limited kienet li tillimita l-gurisdizzjoni tal-Qrati Inglizi ghal kwistjonijiet relatati biss mal-interpretazzjoni tal-kuntratt.

Skond ir-rikors guramentat l-attrici qeghda tilmenta li -

*"Minn meta l-kumpanija Reckitt Benckiser plc akkwistat il-kumpanija Boots fis-sena 2006 sa meta fi Frar 2010 ġie terminat il- ftehim tas-6 ta' Diċembru 1972, il-kumpanija konvenuta (a) bdiet tonqos ripetutament milli tipprovdi, jew li jiġu provduti lill-kumpanija attriċi l-kwantita' ta' prodotti ordnati minnha skond il-forecast, u bdiet tonqos ukoll li tibgħat,jew li jiġu mibgħuta ċerti prodotti għal kollox, u meta kienut jiġu provduti l-prodotti kienu jintbgħatu tard; u (b) bdiet tissupplixxi prodotti li kellhom data tal-iskadenza qabel il-perjodu ta' sentejn fuq imsemmi, bir-riżultat li ħafna minn dawn il-prodotti ma setgħux jinbiegħu, u dan kollu jikkostitwixxi ksur tal-obbligi kuntrattwali tal-istess kumpanija konvenuta  u bħala riżultat l-kumpanija attriċi sofriet danni kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża."*.

Permezz ta' klawzola numru 6 tal-kuntratt, Boots assumiet obbligazzjoni li tbiegh lil Chemimart. Sabiex qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm inadempjenza kuntrattwali tal-konvenuta, trid tistabilixxi:-

i. Jekk il-konvenuta kellix obbligu li tbiegh lill-attrici skond l-ammont ta' prodotti li tordna;
ii. Iz-zmien li fih kellha tintbaghat l-ordni;
iii. X'kellha tkun l-*expiry date* tal-prodotti li jintbaghatu lil Chemimart.

Certament dan ser ifisser ezercizzju ta' interpretazzjoni, in kwantu jista' jaghti lok li l-qorti trid tiddeciedi li hemm kundizzjonijiet impliciti (*implied terms*) fil-kuntratt ta' distribuzzjoni.

Ghalhekk fir-rigward tal-pretensjoni tal-attrici ghad-danni minhabba inadempjenza kuntrattwali, il-qorti hi tal-fehma li l-konvenuta ghandha ragun. Il-partijiet ghazlu l-gurisdizzjoni u l-ftehim jorbot.
Mhux l-istess jinghad fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikors guramentat. Ghalkemm l-Artikolu 742 tal-Kap. 12 jipprovdi ghal dawk il-kazijiet li fihom il-qrati lokali ghandhom gurisdizzjoni, is-subinciz (6) jipprovdi li:-
*"Meta disposizzjoni issir taht xi ligi ohra jew f'xi Regolament ta' l-Unjoni Ewropea fejn tintghamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f'dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqghu
taht dik id-disposizzjoni l-ohra u ghandhom biss japplikaw ghal affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-ohra ma tapplikax*.".

Ir-regola generali hi li persuna ghandha titharrek fil-pajjiz fejn hi domiciljata (Artikolu 2 tar-Regolament 44/2001), ***forum domicilii***. M'hemmx kontestazzjoni li l-kumpannija konvenuta hi domiciljata fl-Ingilterra. L-Artikolu 3(1) tas-Sezzjoni 1 Kapitolu II tar-Regolament 44/2001 jipprovdi li '*persuni domiciljati fi Stat Membru jistghu jigu mfittxija fil-qrati ta' Stat Membru iehor biss bis-sahha tar-regoli mnizzla fis-Sezzjonijiet 2 sa' 7 ta' dan il-Kaptiolu.'.*

Jidher ghalhekk li r-regola generali hi li persuna ghandha tigi mharrka fl-Istat Membru fejn hi domiciljata. Madankollu hemm eccezzjonijiet. Fis-sentenza parzjali li nghatat fid-9 ta' Jannar 2012 fil-kawza Avukat **Dr Edward DeBono nomine vs No Stop Technology**[4], il-qorti osservat:-

*"Fil-kawza deciza mill-Qrati Ewropej fl-ismijiet **Kalfelis vs Shroder**, Case 189/1987 (Reports 1988 page 05565) inghad li "all exceptions to the rule that the defendant must be sued in the state of his domicile are to be construed narrowly". Dan kien bazat fuq il-principju tad-dritt generali tal-konvenut, ossija dak li jigi imharrek fid-domicilju tieghu (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-*

[4] Prim'Awla tal-Qorti Civili, Imhallef M. Chetcuti.

*European Court of Justice fil-kawza* ***"Athanasios Kalfelis vs Bankhaus Schroder, Munchmeyer, Hengst and Co.,*** *deciza mill-Fifth Chamber fis-27 ta' Settembru 1988, Case no 189/87 European Court Reports 5565, u s-sentenza lokali fl-ismijiet* ***Bell Med Limited C26412 Vs Pari Mutuel Urban*** *deciza mill-Qorti ta' L-Appell Civil Superjuri fit-18 ta' Settembru 2009."*.

Fil-kaz **Jakob Handte & Co GmbH v Traitements Mecano-chimiques des Surfaces SA** (1992) (C-26/91) deciz mill-Qorti Ewropea fis-17 ta' Gunju 1992, inghad li r-regola generali li persuna ghandha titharrek fl-Istat Membru fejn hi domiciljata *"……is a general principle because it makes it easier, in principle, for a defendant to defend himself. Consequently, the jurisdictional rules which derogate from that general principle must not lead to an interpretation going beyond the situations envisaged by the Convention."*.

L-attrici ssostni li l-konvenuta ghamlet weghdiet lill-attrici li r-relazzjoni ta' bejniethom ser tkompli billi l-attrici tibqa' l-uniku distributur tal-prodotti Boots f'Malta. Jidher li l-attrici qeghda ssostni li kien proprju minhabba dawn il-weghdiet li kompliet taghmel investiment. L-ewwel talba taqra hekk:-
*"1. Tiddikjara illi l-kumpannija konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-kumpannija attrici, konsistenti fi spejjez inkorsi u xogholijiet maghmula minnha min vista tal-weghdiet maghmula lilha mill-kumpannija konvenuta li hi kienet ser tibqa' l-uniku distributur ghal Malta tal-prodotti ta' Boots."*.
Skond il-ftehim iffirmat fis-6 ta' Dicembru 1972:-
***"1. This Agreement shall commence on 1st January 1973 and shall continue until determined by either party giving to the other not less than six calendar months notice in writing expiring at any time."***.
Bejn il-partijiet m'hemmx kontestazzjoni li bejniethom kienet tezisti relazzjoni kuntrattwali, sakemm b'avviz tat-30 ta' Awwissu 2008 Reckitt Benckiser infurmat lill-attrici:-
*"We hereby give 6 (six) calendar months termination notice from the above date. This notice period is*

*reasonable in the circumstances and in any event is the period provided in clause 1 of the Agreement.”*[5].

Il-ftehim ma kienx soggett ghall-terminu definit.

Il-qorti taqbel mal-attrici li permezz tal-ewwel talba m’hijiex tinvoka l-ksur tal-kuntratt tas-6 ta’ Dicembru 1972. It-talba hi bbazata fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta kienet qeghda, fil-perjodu qabel gie tterminat il-kuntratt, twieghed lill-attrici li ser tibqa’ l-uniku distributur f’Malta tal-prodotti ta’ Boots, u dan wassalha biex taghmel spejjez. Kwistjoni li fil-fehma tal-qorti taqa’ barra mir-relazzjoni kuntrattwali regolata mill-kuntratt tas-6 ta’ Dicembru 1972.

L-attrici ssostni li t-talba hi ghal danni pre-kuntrattwali[6]. Il-qorti ma taqbilx. F’dan il-kaz diga’ kien hemm kuntratt bejn il-partijiet, u ma jidhirx li kien qieghed jigi negozjat jew kien hemm xi hsieb li jsir ftehim gdid. Fir-rikors guramentat l-attrici ppremettiet:-

*“3. Illi tul dan iz-zmien kollu l-kumpannija attrici ghamlet minn kollox biex tikkrea suq u tippromwovi u tkabbar il-bejgh ta’ dawn il-prodotti gewwa Malta b’investiment kbir, matul is-snin, kemm ta’ flus kif ukoll ta’ energija u sforzi biex ikkrejaw u kabbru l-isem tal-prodotti ta’ Boots f’Malta;*

*4. Illi l-kumpannija attrici inghatat assikurazzjoni minn rapprezentanti tal-kumpannija konvenuta li l-kumpannija attrici kienet ser tibqa’ l-uniku distributur ghal malta ta’ dawn il-prodotti, u fuq din l-assikurazzjoni il-kumpannija attrici dahlet f’diversi spejjez u xogholijiet.”*.

Ghalhekk mill-provi jrid jigi stabbilit jekk fir-realta’ sarux tali weghdiet, u jekk saru x’konsegwenzi jgorru maghhom jekk ma nzammux mill-konvenuta. Fil-fehma tal-qorti l-ilment tal-attrici kif propost fl-ewwel talba jaqa’ barra mir-relazzjoni kuntrattwali li giet fis-sehh bil-kuntratt tas-6 ta’ Dicembru 1972, u jikkwalifika bhlala materja relatat ma’ tort. Skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001:-

---

[5] Fol. 13.

[6] Paragrafu 33 tan-nota ta’ sottomissjonijiet (ara fol. 167). Kawza ghal danni pre-kuntrattwali giet meqjusa li taqa’ taht Artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001 (**Fonderie Officine Meccaniche Tacconi SpA v Heinrich Wagner Sinto Maschinenfabrik GmbH (HWS)** deciza mill-Qorti Ewropea fis-17 ta’ Settembru 2002.).

*"3. in matters relating to tort, delict or quasi-delict, in the courts for the lace where the harmful event occurred or may occur."*.

Dan hu **Malta**.

It-tieni talba taqra hekk:-

"**2.*Tiddikjara illi l-kumpannija konvenuta ghandha tikkumpensa lill-kumpannija attrici minhabba li l-kumpannija konvenuta qed tkompli tgawdi l-beneficcji u l-frott tax-xoghol kollu u l-ispejjez li ghamlet il-kumpannija attrici matul iz-zmien biex ikkreat suq ghall-prodotti in kwistjoni u biex ziedet b'mod sinifikanti il-volum tan-negozju."***.

Hu evidenti li l-attrici qeghda tippretendi li **<u>wara</u>** t-terminazzjoni tal-kuntratt, il-konvenuta qeghda taghmel arrikkiment ingust in kwantu qeghda tiehu l-frott li ghamlet l-attrici fis-suq lokali matul is-snin, u ghalhekk ghandha tigi kkumpensata. F'dak l-istadju r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet kienet spiccat. Materja li ghal darb'ohra taqa' barra mill-parametri tal-kuntratt tas-6 ta' Dicembru 1972. Fil-kaz ta' arrikkiment ingust, l-obbligazzjoni titwieled mhux *ex contractu*, imma *ex lege*, in kwantu ma jkunx gust li tippermetti lid-debitur li ma jatix kumpens ghall-qliegh li jkun ghamel. L-attrici ghamlet riferenza ghal sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Jakob Handte & Co GmbH v Traitements Mecano-chimiques des Surfaces SA** fejn inghad li *"matters relating to contract"* (Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament 44/2001, *"....is not to be understood as covering* ***<u>a situation in which there is no obligation freely assumed by one party towards another.</u>"***. L-arrikkiment ingust m'hijiex obbligazzjoni kuntrattwali. Jidher li l-pretensjoni bazata fuq dan il-kuncett ma tikkwalifikax bhala *"matters relating to contract"*.

Il-qorti lanqas mhi tal-fehma li t-tieni talba tista' titqies bhala kwistjoni relatata ma' *"tort, delict or quasi-delict"*. F'dan il-kuntest l-attrici m'hijiex tallega li twettaq *tort* min-naha tal-konvenuta, u qeghda sempliciment tinvoka l-jedd li tigi kkumpensata ghax-xoghol li ghamlet u li ssarraf fi qliegh ghall-kumpannija konvenuta. L-istess jekk wiehed kellu jinkludi l-arrikkiment ingust fil-kelma "quasi-delict" ikun qieghed igebbed izzejjed. Minn qari tar-rikors guramentat hu evidenti li t-tieni talba m'hijiex bazata fuq xi

*“wrongdoing”* min-naha tal-konvenuta. F’tali cirkostanzi l-Artikolu 5(3) tar-Regolament 44/2001 ma jistax jigi nvokat. F’dan il-kuntest l-attrici m’hijiex tippretendi danni izda kumpens.
Fil-kaz ***Kleinwort Benson Ltd v Glasgow City Council*** [1999] l-attur kien Bank Ingliz, li dahal fi ftehim ma’ Glasgow City Council dwar *“interest rate swap transactions”*. Negozju li gie dikjarat null mill-House of Lords. L-attur ghamel kawza fl-Ingilterra fejn talab li jinghata l-flus li thallsu lil Glasgow City Council minhabba arrikkiment ingust. Lord Goff osserva:

*"Before the Appellate Committee, Mr. Pollock Q.C., for Kleinwort, advanced a brief argument to the effect that Article 5(3), which is concerned with "matters relating to tort, delict or quasi-delict" and places jurisdiction in the courts for the place "where the harmful event occurred or in the case of a threatened wrong is likely to occur," applied in cases of unjust enrichment, and was therefore applicable in the present case. This argument is impossible to reconcile with the words of Article 5(3), if only because* ***a claim based on unjust enrichment does not, apart from exceptional circumstances, presuppose either a harmful event or a threatened wrong****. The argument was based on a misreading of paragraph 2(a) of the ruling of the Court of Justice in* ***Kalfelis v Bankhaus Schröder*** *at page 5587, a misreading which is plainly inconsistent with paragraph 2(b) of the same ruling (which I have referred to earlier in this opinion). There is, in my opinion, no substance in the point, which was rightly rejected by Leggatt L.J. in the Court of Appeal."*

Il-membri l-ohra esprimew fehma simili. Il-konkluzjoni kienet li jekk pretensjoni ma tistax tingieb taht l-Artikolu 5, tista’ dejjem issir fil-qrati fejn hu domiciljat il-konvenut.

Wiehed jista’ jargumenta li m’ghandux ikun li attur jispicca jaghmel kawza quddiem qrati differenti fir-rigward ta’ kwistjoni li jkollha ma’ l-istess persuna. F’dan il-kuntest fil-kaz ta ***Kalfelis*** il-Qtal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea osservat:-

*"Whilst it is true that disadvantages arise from different aspects of the same dispute being adjudicated upon by different courts, it must be pointed out, on the one hand, that* ***a plaintiff is always entitled to bring his action in its entirety before the courts for the domicile of the defendant****...".*

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi:-**

**1. Tiddikjara li ghanda gurisdizzjoni fir-rigward tal-ewwel talba u ghalhekk f'dan ir-rigward tichad l-ewwel u tieni eccezzjoni tal-konvenuta.**

**2. Tiddikjara li m'ghandix gurisdizzjoni fir-rigward tat-tieni talba minhabba li l-konvenuta hi domiciljata fl-Ingilterra (Artikolu 2(1) tar-Regolament 44/2001) u ma japplikax ghaliha Artikolu 5 tal-istess provvediment li jittratta dwar sitwazzjonijiet fejn persuna domiciljata fi Stat Membru, tigi mharrka fi Stat Membru differenti. Ghalhekk tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta. L-istess jinghad fir-rigward tar-raba' u hames talba in kwantu din tirreferi ghad-danni.**

**3. Tiddikjara li m'ghandix gurisdizzjoni fir-rigward tat-tielet talba minhabba l-klawzola numru 22 tal-kuntratt tas-6 ta' Dicembru 1972. Ghalhekk f'dan ir-rigward tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta. L-istess jinghad fir-rigward tar-raba' u hames talba in kwantu din tirreferi ghad-danni.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------